MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Numru. 1205/2006

Il-Pulizija
(spettur Jesmond J Borg)
vs
Johan Pace

Kumpilazzjoni numru 1205/06

Illum 14 ta' Novembru 2006

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli:

a) Nhar it-12 ta' Novembru 2006 ghall-habta tas-6.15am fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Harruba, limiti ts-Siggiewi, gieghel annimal isofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.

b) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm annimal minghajr ir-responsabbilita ghat-trattament xieraq tieghu;

c) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi organizza kompetizzjonijiet intizi sabiex jiddetermina l-velocita jew is-sahha tal-annimal jew li dahhal l-annimal ghal kompetizzjonijiet bhal dawn.
d) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi organizza glied tal-annimali fejn l-annimali ma jistghux jidhlu ghal glied bejn l-annimali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali, u tal-akkuzat, biex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-akkuzat jametti, minn jeddu, l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Issib lill-akkuzat hati talli
1. Nhar it-12 ta’ Novembru 2006 ghall-habta tas-6.15am fl-inhawi maghrufa bhala Tal-Harruba, limiti ts-Siggiewi, gieghel annimal isofri ugigh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn.
2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi zamm annimal minghajr ir-responsabbilita ghat-trattament xieraq tieghu;
3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi organizza kompetizzjonijiet intizi sabiex jiddetermina l-velocita jew is-sahha tal-annimal jew li dahhal l-annimal ghal kompetizzjonijiet bhal dawn.
4. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi organizza glied tal-annimali fejn l-annimali ma jistghux jidhlu ghal glied bejn l-annimali.

Rat-l-artikoli 8 (2), 8 (3), 27, 31 tal-Kap 439 kif ukoll l-Artikolu 27 u 31u 45 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta’ Malta.

In rigward piena;

Wara li semghet lil partijiet;

Ikkunsidrat il-fedina penali tal-akkuzat;

Ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-istess akkuzat;

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikajra li l-akkuzat ikkopera mal-pulizija;

Tikkundanah  LM400 multa.

L-akkuzat qed jinghata sitt xhur zmien, millum, biex ihallas il-multa inflitta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------